MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 823/2012

**KC Trading Limited**
**Vs**
**Gino George Zammit**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici ppremettiet illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta’ attrici ghas-somma ta’ elfejn, mitejn u tlieta u tletin ewro u disgha u erbghin centezmi (€2,233.49) rapprezentanti konsenja u bejgh ta’ merkanzija lill-konvenut mis-socjeta’ attrici u dan fuq inkarigu u struzzjonijiet tal-konvenut stess, hekk kif jidher mill-fattura hawn annessa u mmarkata ‘Dok A’; peress illi l-konvenut gie debitament interpellat sabiex jersaq ghall-hlas izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellhom isiru dawn il-proceduri; ghaldaqstant, is-socjeta’ attrici umilment titlob lil dan it-Tribunal sabiex il-konvenut jigi ddikjarat debitur tas-socjeta’ attrici u jigi kkundannat ihallasha s-somma ta’ elfejn, mitejn u tlieta u tletin ewro u disgha u erbghin centezmi (€2,233.49). Bl-imghax legali mid-data tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv u bl-

ispejjez inkluzi l-ittra ufficjali ai termini tal-Art. 166A tal-kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta datata 2 ta' Lulju, 2012, kontra l-konvenut, li minn issa ngunt in subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fis- 07 t' Ottubru, 2011 mill-Avukat Martha Farrugia u l-fatt li li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova 'l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elfejn, mitejn u tlieta u tletin ewro u disgha u erbghin centezmi (€2,233.49) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv, inkluz l-ispejjez tal-ittra ufficjali datata 2 ta' Lulju, 2012.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------